

32005L0077

12.11.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 296/17

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2005/77/KE

tal-11 ta' Novembru 2005

li temenda l-Anness V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar miżuri protettivi kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Fil-punt 2.4 tas-Sezzjoni I tal-Parti A ta' l-Anness V mad-Direttiva 2000/29/KE l-aħħar inċiż huwa mibdul b'li ġej:

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti u lill-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità⁽¹⁾, u partikularment il-punt (d) tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14 tagħha,

— Iż-żerriegħa tal-*Helianthus annuus* L., tal-*Lycopersicon lycopersicum* (L.) Karsten ex Farw. u tal-*Phaseolus* L.”

Artikolu 2

Billi:

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2006, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrispondenza bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

(1) Id-Direttiva 2000/29/KE tipprevedi ċerti miżuri kontra t-tixrid fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti. Tipprevedi wkoll l-użu ta' passaporti għall-pjanti, li jixhdu li l-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti għaddew b'suċċess mis-sistema ta' kontrolli tal-Komunità.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Mejju 2006.

(2) Il-passaporti għall-pjanti huma attwalment mitluba għaċ-ċaqliq ta' żerriegħa ċertifikata tal-*Helianthus annuus* L., tal-*Lycopersicon lycopersicum* (L.) Karsten ex Farw. u tal-*Phaseolus* L. fil-Komunità, għajr lokalment.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din meta dawn jkunu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

(3) Sabiex titjieb il-protezzjoni fitosanitarja taż-żerriegħa tal-*Helianthus annuus* L., tal-*Lycopersicon lycopersicum* (L.) Karsten ex Farw. u tal-*Phaseolus* L., ir-rekwiżit li ż-żerriegħa għandha tkun akkumpanjata minn passaport għall-pjanti meta mċaqlqla fil-Komunità, għajr lokalment, għandu jgħodd għaż-żerriegħa kollha ta' dik l-ispeċi.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

(4) L-Anness V mad-Direttiva 2000/29/KE għandu, għalhekk, jkun emendat kif imiss.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

(5) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva jaqblu mal-fehma tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-11 ta' Novembru 2005.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 169, ta' l-10.7.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/16/KE (ĠU L 57, tat-3.3.2005, p. 19).